MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.

## KEVIN MOMPALAO

Seduta tal-25 ta' Gunju, 2015

Talba Numru. 11/2015

Mobisle Communications Ltd.

vs

Lunders Lorenz Christian

It-Tribunal;

Ra’ l-avviz tat-talba prezentat fit-18 ta’ Mejju 2015 illi permezz tieghu l-Kumpanija Mobisle Communications Limited irreklamat minghand il-konvenut is-somma ta’ elfejn, tlett mija u tnejn u ghoxrin Ewro u wiehed u erbghin centezmu (€ 2322.41) hlas ghal import ta’ servizzi ta’ telekomunikazzjoni. Dan bl-ispejjez kollha u bl-imghaxijiet legali kontra l-konvenut.

Ra’ illi l-konvenut ma prezenta l-ebda risposta pero deher fil-jum li fih il-kawza kienet appuntata ghas-smigh.

Ra’ l-verbal ta’ transazzjoni milhuq bejn il-partijiet.

Ikkunsidra

Illi l-partijiet lahqu transazzjoni li giet verbalizzata fl-atti fejn l-konvenut ammetta t-talbiet attrici u l-partijiet ftehmu illi l-ammont reklamat ghandu jithallas f’rati mensili ugwali fuq perjodu ta’ tmintax il-xhar u f’kaz li jinqabzu tlett pagamenti anke jekk mhux konsekuttivi jintilef il-beneficcju tat-terminu. Ma jkunux dovuti imghaxijiet sakemm il-hlas isir kif mifthiem. L-ispejjes ghandhom jigu supportati mil-konvenut u jithallsu fi zmien tlett xhur. Il-partijiet talbu li din it-transazzjoni tkun inkorporata f’sentenza.

Illi dan it-Tribunal ma jarax xejn li ghandu jzommu minn li jaderixxi ghat-talba tal-partijiet u ghalhekk fid-dawl tat-transazzjoni milhuqa:-

Jaqta’ u jiddeciedi din il-kawza billi jilqa t-talbiet attrici u jikkundanna lil konvenut ihallas lil attrici is-somma ta’ elfejn, tlett mija u tnejn u ghoxrin Ewro u wiehed u erbghin centezmu (€ 2322.41) jithallas f’rati mensili ugwali fuq perjodu ta’ tmintax il-xhar; bil-kondizzjoni li f’kaz li jinqabzu tlett pagamenti anke jekk mhux konsekuttivi jintilef il-beneficcju tat-terminu. L-ewwel pagament ikun dovut fl-ewwel jum tax-xhar li jmiss. Ma jkunux dovuti imghaxijiet sakemm il-hlas isir skond kif deciz. L-ispejjes kollha jkunu a kariku tal-konvenut li jkollu zmien tlett xhur mil-lum biex ihallashom.

## < Sentenza Finali >

--------------------------------TMIEM--------------------------------